Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 419/2013

Il-Pulizija

Vs

Carmelo Bezzina

Illum, 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Carmelo Bezzina, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 723952M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Novembru, 2002 fid-09.15 ta' filghodu u matul dawn il granet go Joe Farm, St. John Street, Maghtab, Naxxar:

1. Zamm farm tad-dairy minghajr il-permess mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika;
2. Naqas li jghamel dak kollu li jinhtieg biex ebda materjal ma jiskula jew inixxi fit-triq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fit-2 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat l-artikoli 40, 10, 117(2) tal-Kapitolu 231 tal-Ligjiet ta' Malta; sabet lill appellant hati tal-ewwel u t-tieni akkuza kif dedotta kontra tieghu u pprefiggiet terminu ta' tlett (3) xhur sabiex isir xoghol

necessarju taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri u fin-nuqqas illi jsir dan ix-xoghol rikjest, il-Qorti ipprefiggiet multa odjerna ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25) kuljum fin- nuqqas. Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata;
2. Tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih kif ukoll minn kull piena u htija skond il-ligi;
3. Alternattivament tirriforma s-sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas l-piena lilu nflitta, hekk kif din il-Qorti jidrilha xieraq.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti;
2. Illi preliminarjament jigi espost mill-appellant illi s-sentenza moghtija (kopja taghha annessa u mmarkata Dok A) hija nulla u dan minhabba li hija nieqsa minn kwalunkwe indikazzjoni ta' Artikoli tal-Ligi;
3. Illi l-Onor. Qorti fil-Prim' Istanza ma ghamlitx apprezzament xieraq tal-provi dedotti quddiemha stante illi m'ghamlitx apprezzament tax-xhieda moghtija minn Gabriella Fummia, tabiba veterinarja u tahdem bhala ufficjal ghas-servizz veterinarju Malti u ghalhekk ghall-Ministeru tal-Affarjiet Rurali ta' Malta fejn ir-rwol taghha hu specifikament li tispezzjona l-irziezet kollha tal-halib li hawn Malta, fit-territorju kollu, u tiehu hsieb partikularment dak li ghandu x'jaqsam mal-igene tal-azjenda, fil-produzzjoni tal-halib u ghalhekk anke tal-welfer tal-annimali cioe' tas-sitwazzjoni li fiha huma mizmuma l-annimali u kif jigi trattat l-iskart, per ezempju d-demel in generali u l-ilmijiet tad-drenagg li jistghu ikunu mahmuga. Dak kollu li ghandu x'jaqsam ma'

manteniment, l-istat tajjeb ta' sahha, ta' igene fl-azjenda li tipproduci ikel iddestinat ghal konsumatur finali. Fix-xhieda taghha hija ikkonfermat illi l-azjenda tal-appellant kienet qed tigi spezjonata kontinwament u kkonfermat ukoll li l-appellant "prova jaghmel xi titjib ghaliex fl-ahhar mill-ahhar nuqqasijiet hemm, hemm dejjem, anki bil-bdil fir-regolamenti hemm dejjem bzonn li wiehed jadatta s-sitwazzjonijiet u hu kkollabora biex jaghmilhom;" Fix-xhieda taghha hija tkompli tghid illi l-appellant fir-rigward tad-drenagg cioe dak kollu li jista' jikkontamina u l-mod kif jiehu hsieb il-post fejn jinzammu l-annimali ghalhekk anke d-demel gew osservati. Dan juri car li l-appellant kien qed jaghmel dak kollu rikjest minnu sabiex jigi konformi mar-regolamenti mposti fuqu. Fir-rigward tal-ilma tax-xita l-istess tabiba veterinarja tikkonferma illi l-ilma tax-xita "bl-ebda mod ma jista' qatt jitnigges bid-demel u ma jistax johrog mahmug, specjalment fit-triq principali tal-azjenda";

4. Illi ghalhekk dan imur kontra dak kollu li qalu x-xhieda li joqghodu fil-vicinanzi tal-farm inkluz Bertu Azzopardi li qal, "Meta jkun niezel, jien ma ninzilx l'hemm. Jien ghandi xoghol hemm u ma nistax ninzel minhabba dan id-demel u awrina tal-baqar m'ghola hekk. Il-karozza mgherrija." Dan ukoll mhijux veritier minhabba li l-istess tabiba ikkonfermat li "m'hemmx munzelli ta' demel fil-parti ta' quddiem tal-azjenda".
5. Illi ghalkemm fix-xhieda taghha Denis Grech, health inspector, tghid illi meta fl-20 ta' Novembru, 2012 fid-09.15am ghamlet inspection fuq il-post u qalet "li kien jidher evidenti li hareg xi ilma mil-farm tieghu jigifieri, ilma mahmug" l-ebda dokument fir-rigward ta' testijiet li kellhom isiru fuq dan il-likwidu sabiex jikkonfermaw l-istat ta' dan ma gew prezentati u ghalhekk ma hemm xejn li juri li dan l-ilma huwa dranagg u qed jipperikola s-sahha tal-girien jew qed jaghmel xi hsara lill-ambjent.
6. Illi fix-xhieda ta' l-istess Denis Grech ta' 2 ta' Dicembru, 2010 hija qalet li "konna ftehmna l-ahhar darba li kellu jnaddaf il-gutter biex ma jkollniex dik il-problema li johrog ghal-barra u dak tnaddaf, kif ukoll kellu jaghmel dik ir-rampa mal-genb u dik saret ukoll halli x'hin taghmel ix-xita tohrog ix-xita u

ma jmurx gol-gutter. Jigifieri dawk iz-zewg affarjiet li ftehmna l-ahhar darba saru". Dan juri bic-car illi l-appellant kien qed isegwi l-istruzzjonijiet kollha moghtija lilu sabiex itejjeb is-sistema tal-azjenda tieghu izda dan ma jfissirx illi jekk kien hemm xi likwidu jnixxi dan kien drenagg jew xi likwidu mahmug iehor u dan tkompli tikkonfermah il-veterinarja Gabriella Fummia fl-istess xhieda taghha tad-29 ta' Settembru, 2011 meta qalet "gie nnutat li hemm kanal, sistema' ta' kanal tul il-post kollu fejn joqghodu l-annimali fejn hu jigbor l-ilma tax-xita... imma dan l-ilma bl-ebda mod ma jista' qatt jitnigges bid-demel u ma jistax johrog mahmug, specjalment fit-triq principali tal-azjenda" Dan ghalhekk jikkonferma illi appellant instab hati ta' akkuza li m'hijiex veritiera fil-konfront tieghu.

7. Illi keiku verament hemm problema ta' dranagg kif qed jintqal it-testijiet mehtiega sabiex jikkonfermaw dan kienu jkunu maghmula immedjatament fis-sena 2003 sabiex tigi stabbilita' problema, imma nfatti din qatt ma sar peress li l-ilma li jnixxi fit-triq huwa ilma tax-xita li appellant m'ghandux kontroll fuqu u ma jista' jaghmel xejn biex iwaqfu milli jinzel fit-triq jekk l-ammont ikun wiehed tant sostanzjali li l-kanal fejn jigbor l-imla tax-xita ma jlahhaqx mal-kwantita';
8. Illi din l-azjenda ilha rregistrata go database iktar minn tletin sena mad-divizjoni tal-veterinarji hekk kif stabbilit mill-istess tabiba veterinarja Gabriella Fummia u dan huwa obbligu sabiex ikun ikkontrollata s-sanit tal-habib. Dan ghalhekk juri li l-appellant kien u ghadu qed jikkollabora mat-tibdil tar-regolamenti li dejjem jinbidlu u nfatti fir-rigward tat-tarattament tal-halib, bidel is-sistema u ghandu wahda awtomatika biex b'hekk tkun tajba ghal-konsum, skond dak li kien rikjest minnu mill-Awtorita' responsabbli. Dan ghalhekk juri li l-appellant kien qed jopera dan id-Diary Farm skond il-ligi ghax mhux talli kien ilu b'dan l-istess farm ghal-tletin sena shah u kien hemm il-konsum shih tal-halib prodott u tal-laham f'dawn is-snin kollha imma wkoll l-spezzjonijiet kontinwi mill-Awtorita' tal-Agrikoltura fuq il-fond imsemmi sabiex dejjem jitjiebu l-affarjiet. Fir-rigward ta' dak kollu rikjest mill-ligi. Illi ghalhekk is-sitwazzjoni hija kemmxejn kontradittorja u dan jidher

mill-fatt li l-appellant ilu jopera dan l-istess farm ghal-hafna snin, fejn il-halib prodott minnu kien u ghadu qed jigi kkunsmat minn tezi u dan kollu qieghed isir konformi mal-ligi u mal-Awtorita' responsabbli filwaqt li fl-istess hin qed jinghad "li qed jagixxi dan il-farm kontra l-ligi" meta fir-realta l-awtoritajiet qed iqisuh konformi mal-ligi. Din il-kontradizzjoni tohrog ukoll cara mix-xhieda tal-Perit Arthur Calleja ta' 2 ta' Dicembru, 2010, meta sorpriz qal "ma kellux permess tas-sanita? Qatt ma kellu? ... Allura l-Agrikoltura kif le le";

9. Illi s-sentenza kif pronunjata teccedi l-iskop u l-ambitu tal-akkuzi migjuba kotnrih u dan ghaliex is-sentenza tordnalu konformita odjerna u ma tiddistingwix ir-rekwiziti ta' llum ma dawk ta' hdax il-sena ilu. Fil-kamp kriminali il-Qorti tista biss issibek hati ghar-reati li inti bihom akkuzat u ma tistax issibek hati u konsegwentement titlob il-konferma mal-ligijiet u regolamenti li hargu ghaxar snin wara d-data tal-akkuza. In oltre bl-ordni tal-konforma kif dedotta fis-sentenza il-Qorti ddikjarat il-ksur tal-ligi ta' reati u regolamenti li ma kienux in vigore fl-2002.
10. Illi l-prosekuzzjoni naqset effettivament milli tipprova l-htija tal-appellant minghajr ebda dubju raggonevoli u ghaldaqstant l-Onor. Qorti f'kamp ta' Gudikatura Kriminali kellha tirrikjedi li l-akkuza tkun ipprovata oltre kwalsiasi dubju, liema akkuza effettivament qatt ma giet provata b'dan il-mod.
11. Illi ghalhekk hija l-umli sottomissjoni tal-appellant li hu ma kellux jinsab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi din il-kawza li ilha ghaddejja mis-sena 2002 illum kwazi mietet mewta naturali billi l-appellanti fiz-zmien indikat fl-akkuza kien jiggestixxi razzett tad-*dairy*, illum biddel il-generu tan-negozju tieghu. Dan ma ifissirx illi ma tistax tinstab htija ghal ksur tal-ligijiet sanitarji kommessi *a tempo vergine,* izda l-ilment ewlieni li l-appellanti kien qed ihalli l-ilma tad-drenagg jiskula fit-triq u dan billi ma kellux sistema tiffunzjona tajjeb u skont il-ligi illum sfuma fix-xejn. Illi l-Qorti fliet ukoll l-atti processwali u anke sabet diversi *lacunae* fih billi

jidher illi bejn is-sena 2003 u l-2011 ma gie registrat l-ebda progress f'din il-kawza ghajr li gie ipprezentat ir-rapport ta'l-espert nominat mill-Qorti il-perit Valerio Schembri u di piu' lanqas ma jirrizulta meta fil-fatt ipprezenta dan ir-rapport. Illi l-legislazzjoni li tirregola l-gestjoni ta' dan it-tip ta' negozju inbidel mid-data indikata fl-akkuza u dan anke ghaliex bis-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dahhlu fis-sehh diversi regolamenti li fiz-zmien li sehh ir-reat ma kenux jezistu. Maghdud dan madanakollu l-Qorti hija marbuta mal-ligi li kienet vigenti dak iz-zmien u li tahtu gew imressqa l-akkuzi fil-konfront ta'l-appellanti.

L-appellanti huwa akkuzat li zamm razzett tad-*dairy* minghajr il-licenzja mahruga mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika u dan bi ksur ta'l-artikolu 40(1) tal-Kapitolu 231 tal-Ligijiet ta' Malta, ligi li m'ghadhiex tezisti u giet sostitwita, kif ukoll bi vjolazzjoni tal-kontravvenzjoni mahsuba fl-artikolu 117 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-appellanti gie akkuzat li naqas milli jaghmel dak kollu mehtieg biex ebda materjal ma jiskula jew inixxi fit-triq.

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti sabitu hati ta' dawn iz-zewg akkuzi, madanakollu ma giet inflitta l-ebda piena bl-appellanti jigi ordnat sabiex jaghmel ix-xogholijiet necessarji (dwar xhiex u kif ma jigiex indikat fis-sentenza) u dan fi zmien tlett xhur mis-sentenza u fin-nuqqas irid ihallas multa ta' €25 kuljum.

Illi fl-ewwel lok l-appellanti iressaq il-pregudizzjali dwar in-nullita tas-sentenza appellata billi jikkontendi illi hija nieqsa mill-indikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi li tahtu l-appellanti gie misjub hati. Issa minn qari tad-decizjoni impunjata l-Ewwel Qorti wara li iccitat id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom kienet qed issib htija ghaddiet biex iddikjarat hekk:

**"Wara li rat l-artikoli 40, 10, 117(2) tal-Kapitolu 231 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;**

**Il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, dik li ma kellux permess ghal dairy farm mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika u ghalhekk l-imputat qieghed jigestixxi dan l-istess farm kontra l-ligi.**

**Din il-Qorti issib lill-istess imputat hati tat-tieni akkuza kif dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, talli qed ihalli materjal jiskula jew inixxi fit-triq u ghaldaqstant qed tipprefiggi terminu ta' tlett xhur sabiex isir ix-xoghol necessarju taht is-sorveljanza tal-perit Valerio Schembri u fin-nuqqas illi jsir dan ix-xoghol rikjest, il-Qorti qieghda tipprefiggi multa odjerna ta' hamsa u ghoxrin ewro kuljum fin-nuqqas."**

Issa ghalhekk, ghalkemm l-appellanti ma ghandux ragun meta ighid illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika d-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom kienet qed issib htija, madanakollu uhud minn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi gew indikati erronjament. Dan ghaliex ghalkemm l-artikolu 40 tal-Kapitolu 231 tal-Ligijiet ta' Malta (li huwa revokat) jitkellem dwar ir-reat ikkontemplat fl-ewwel akkuza, madanakollu l-istess ma jistax jinghad ghall-artikoli 10 u 117(2) billi dawn ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-fattispecje ta' dan il-kaz bl-artikolu 10 jitkellem dwar preparazzjoni ta' hwejjeg ta'l-ikel taht kondizzjonijiet mhux sanitarji u l-artikolu 117 huwa inezistenti bl-ahhar artikolu ta' din il-ligi ikun l-artikolu 70. X'aktarx illi l-Ewwel Qorti riedet tindika l-artikolu 117(2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan evidentement ma sarx. Dan ifisser ghalhekk illi ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 ma gewx rispettati meta hemm stipulat illi s-sentenza: *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat"*.

Premess dan allura,

***"ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi*** **(f'dan il-kaz addirittura id-disposizzjoni espressa tal-ligi)** ***zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta'***

***formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94] , "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)"***[1]

Illi *di piu'* is-sentenza ma tinfliggi l-ebda piena fuq l-appellanti ghar-reati li dwarhom instab hati bl-imposizzjoni tal-multa gjornaljera kif imposta u dan ghaliex l-artikolu 57(2) u (3) tal-Kapitolu 231 specifikatament jimponi il-piena tal-multa jew tal-prigunerija bl-artikolu 58, imbaghad jaghti il-fakolta lill-Qorti li meta jkun mehtieg "barra li taghti l-piena" tordna li jitnehha l-inkonvenjent li jitwieled mir-reat jew li tithares il-ligi u dan taht penali. Dan minbarra il-piena li ghandha tinghata fit-termini ta'l-artikolu 318 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' il-piena ghal kontravvenzjonijiet.

Ghaldaqstant l-Qorti ma tistax hlief tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali ser terga' titratta l-kaz mill-gdid fil-mertu bil-kumplament ta'l-aggravvji jitqiesu bhala sottomissjonijiet in difeza.

Ikkunsidrat,

Illi kif diga inghad il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u dan sabiex tistabbilixxi jekk l-appellanti jistax jinstab hati tar-reati lilu addebitati. Illi kif diga inghad l-ligijiet li illum jirregolaw il-licenzjar u gestjoni ta' *dairy farms* u l-produzzjoni tal-halib jinsabu imfassla f'diversi regolamenti kemm lokali kif ukoll dawk komunitarji. Fil-fatt fir-rapport imhejji mix-xhieda rappresentanti tad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji u Sanitarji jirrizulta illi minn diversi spezzjonijiet li saru fir-razzett ta'l-appellanti instabu diversi infrazzjonijiet u non-osservanza mar-regolamenti li illum jaqghu taht l-Att dwar l-Ambjent, kif ukoll taht ir-regolamenti komunitarji. Illi fil-fatt ir-rapport imhejji mid-Dottoressa Gabriella Fumia jelenka l-ligijiet li tahthom irriskontrat nuqqas ta' osservanza, l-ebda wahda minnhom madanakollu ma taqa' taht l-akkuzi addebitati lill-appellanti.

---

[1] Il-Pulizija vs Christopher Scerri App. Inf. 01/11/2007.

Illi dak li hu sorprendenti, madanakollu, huwa il-fatt illi ghalkemm dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2002 u precisament ghad-data tal-"**20 ta' Novembru 2002 u matul l-istess granet**", ir-reat indikat fl-ewwel akkuza kien gie revokat qabel ma inharrget ic-citazzjoni fil-konfront ta'l-appellanti biex b'hekk huwa gie akkuzat b'reat li kien jaqa' taht ligi li kienet inezistenti. Jidher li dan il-fatt sfuggja lill-partijiet kollha f'din il-vertenza b'mod specjali lill-prosekuzzjoni li harrget akkuzi taht il-Kapitolu 231 tal-Ligijiet ta' Malta meta din il-ligi kienet diga' giet revokata! Fil-fatt permezz ta'l-Att XIV tal-2002 datata 19 ta' Lulju 2002, il-legislatur ikkrea "att li jipprovdi dwar kull haga li ghandha x'taqsam mas-sigurta fl-ikel u biex iwaqqaf Kummissjoni ghas-sigurta fl-ikel, biex jintroduci disposizzjonijiet godda dwar l-infurzar fi hwejjeg li ghandhom x'jaqsmu ma'l-ikel **u BIEX JIRREVOKA l-Att dwar Hwejjeg ta'l-Ikel Medicinali u Ilma tax-Xorb**" u cioe' il-Kapitolu 231 tal-Ligijiet ta' Malta. L-att huwa maghruf bhala l-Att tal-2002 dwar is-Sigurta fl-Ikel. Illi imbaghad permezz ta'l-Avviz Legali 262 tal-2002 datat 13 ta' Settembru 2002, gie fis-sehh dan l-Att biex b'hekk il-Kapitolu 231 tal-Ligijiet ta' Malta gie revokat. Dan ifisser allura illi fil-jum indikat fl-akkuza u cioe' fl-20 ta'Novembru 2002 ir-reat ma kienx jezisti fil-ligi li tahtha l-appellanti gie akkuzat fl-ewwel imputazzjoni biex b'hekk lanqas isibu applikazzjoni id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 12(1)(d) tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta u l-appellanti irid necessarjament jigi illiberat minn din l-akkuza.

Illi jifdal ghalhekk biex tigi ikkunsidrata l-akkuza kontravvenzjonali ikkontemplata taht il-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-fattispecje tal-kaz johrog illi l-immaniggjar tad-demel fir-razzett ta'l-appellanti ma kienx konformi mal-ligi tant illi kien anke jiskula barra fit-triq pubblika. Dan johrog ukoll mix-xhieda ta' diversi nies li xehdu sahansitra lura fis-sena 2003 li jilmentaw kif lanqas kienu jistghu johorgu mir-residenzi taghhom u jimxu fit-triq jew isuqu bil-vetturi ghaliex jimtlew hmieg hiereg mir-razzett ta'l-appellanti. Illi imbaghad mir-rapport tal-Perit Valerio Schembri nominat mill-Qorti, jirrizulta illi l-ilma tax-xita li kien jiskula fir-razzett kien jithallat mad-drenagg kif ukoll mal-hmieg tal-baqar u imbaghad jiskula fit-triq. Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi l-appellanti matul il-medda tas-snin ghamel diversi xogholijiet biex jipprova

jirrimedja in-nuqqasijiet li kellu fir-razzett tieghu. Illi di piu′ mix-xhieda ta′ Mario Pace, rappresentant tad-Dipartiment ta′l-Agrikoltura johrog ukoll illi fil-25 ta′ Frar 2015 l-appellanti qaleb in-negozju tieghu minn wiehed tal-produzzjoni tal-halib ghal negozju tal-produzzjoni tal-laham biex b′hekk illum hemm l-ottemperenza mal-ligi. Dan ma ifissirx madanakollu illi fil-jum indikat fl-akkuza huwa ma kienx hati ta′ din il-kontravvenzjoni u dan ghaliex kif inghad huwa indubitat illi kien hemm perkolazzjoni ta′ hmieg mir-razzett ta′l-appellanti ghal got-triq, ghalkemm il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak hawn fuq espost meta  tigi biex tikkalibra l-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed taqta′ u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skond il-ligi tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fil-mertu u wara li rat l-artikoli 117(2) u 318 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta′ Malta, filwaqt li tillibera lill-appellanti mill-ewwel akkuza, issibu hati tat-tieni akkuza u tikkundannah ghal canfira u twiddiba.

(ft)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur